DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR 172221** **30.09.2017**

**STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER**

***L-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati jinawgura l-Wirja "Science in the House 2017"***

L-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati, Anġlu Farrugia, inawgura l-Wirja "Science in the House 2017" bħala parti mill-European Researchers' Night / Science in the City fil-Parlament ta' Malta.

Fid-diskors tiegħu, l-Ispeaker iddeskriva l-wirja "Science in the House 2017" bħala l-vetrina ta' programmi ta' riċerka, il-ħidma u x-xogħol ta' akkademiċi u l-istudjużi Maltin. L-Ispeaker qal li l-wirja tista' ukoll titqies bħala rendikont annwali jew rapport ta' ħidma mir-riċerkaturi Maltin tal-istudju li huma qegħdin jagħmlu u jwettqu taħt awspiċi tal-Università ta' Malta u istituzzjonijiet oħra f'Malta, bħalma huma l-MCAST – Il-Kulleġġ tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija ta' Malta, il-Kunsill Malti tax-Xjenza u t-Teknoloġija (MCST) u l-Malta Life Sciences Park.

"Ir-riżultati miksuba mir-riċerkaturi Maltin għandhom isaħħu l-fehma tagħna għal aktar investiment fir-riċerka u t-tagħlim u għaldaqstant l-ideat innovattivi tal-akkademiku u l-istudjuż għandhom jirċievu l-appoġġ neċessarju, l-aktar meta t-titjieb tal-għejxien tal-bniedem huwa l-objettiv aħħari tal-programmi ta' riċerka," ikkonkluda l-Ispeaker Farrugia.

Preżenti għal din l-okkażjoni kien hemm il-Professur Joseph Cilia, Delegat tar-Rettur tal-Università ta' Malta, u l-Professur Alex Felice, *Chairman*, European Researchers' Night / Science in the City Consortium.

**Attachments: photos** 

3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775

press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt